IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Mejju - Gunju 1984

Nru. 18

# F'RIĠLEJN IL-MADONNA TA' FATIMA FI PJAZZA SAN PIETRU: *IL-PAPA JITLOB GĦAD-DINJA*

Il-Papa Ġwanni Pawlu II ikkonsagra d-dinja lill-Qalb Immakulata ta' Marija, waqt li għamel talba ħerqana lill-Madonna sabiex tkompli tħares u tieqaf mall-poplu kollu. F'ċeremonja mill-iktar impressjonanti li saret fi Pjazza San Pietru, Ruma, nhar il-Ħadd 25 ta' Marzu 1984, konnessa mall-Ġublew tas-Sena Mqaddsa Straordinarja tal-Fidwa, u ligħalihaattendew madwar 150,000 ruħ minn kull parti tad-dinja, il-Papa għamel l-Att tal-Konsagrazzjoni f'riġlejn l-istatwa mirakoluża tal-Madonna ta' Fatima, li għall-okkażjoni nġarret bl-ajru mis-Santwarju devot tagħha fil-Portugal (distanza ta' 1,115 mil) għall-misraħ prinċipali tal-Vatikan.

Fl-istess għodwa l-Isqfijiet kollha tal-Knisja Kattolika, li jgħoddu 2600, ingħaqdu spiritwalment mat-talba mqanqla tal-Vigarju ta' Kristu u flimkien miegħu sejħu l-protezzjoni ta' Sidna Ommna Maria biex bl-interċessjoni tagħha teħles lid-dinja minn kull xorta ta' saram u tiġrif. Fit-talba tiegħu lill-Madonna, il-Papa talabha teħles lid-dinja "mill-ġuħ, mill-kotostafi ta' gwerra nukleari, minn awtodistruzzjoni inkalkulabbli, mid-dnubiet kontra l-ħajja tal-bniedem sa mill-bidu nett tat-tnissil tiegħu, mill-mibegħda, u minn kull forma ta' inġustizzja fil-ħajja soċjali".

'Il fuq minn 1000 miljun ruħ imxerrda mal-ħames kontinenti tad-dinja setgħu jsegwu din iċ-ċeremonja grandjuża permezz ta' trasmissjoni diretta bit-television. B'vuċi kommossa l-Papa talab:

**"Sliem għalik, int li għal kollox marbuta mall-konsagrazzjoni ta' Ibnek għall-fidwa tagħna.**

**Omm il-Knisja, dawwal il-poplu ta' Alla fil-mixi tiegħu mit-triq tal-fidi, tat-tama u ta' l-imħabba. Għinna ngħixu fil-verità kollha tal-konsagrazzjoni ta' Kristu għall-familja kollha tal-bnedmin u tad-dinja tal-lum.**

**Aħna u nafdawlek, O Omm tagħna, id-dinja tal-individwi u tan-nazzjonijiet, nafdawlek ukoll din il-konsagrazzjoni tad-dinja, waqt li nqegħduha fil-qalb tiegħek ta' Omm.**

**O qalb bla tebgħa ta' Maria! Għinna nirbħu kull**



**theddid tal-ħażen li malajr jagħmel l-egħruq fi qlub il-bnedmin tal-lum, u li l-konsegwenzi bla qies tiegħu ġa qegħdin itaqqlu d-dinja tagħna tal-lum.**

**Mill-ġuħ u l-gwerer, eħlisna nitolbuk.**

**Minn gwerra nukleari, mill-qerda bla qies tagħna nfusna, minn kull xorta ta' gwerra, eħlisna nitolbuk.**

**Mill-mibegħda u mit-tkasbir tad-dinjità ta' wlied Alla, eħlisna nitolbuk.**

**Minn kull xorta ta' inġustizzja fil-ħajja tas-soċjetà, nazzjonali u internazzjonali, eħlisna nitolbuk.**

**Mill-ħeffa li niksru l-kmandamenti ta' Alla, eħlisna nitolbuk.**

**Min-nuqqas li nagħarfu t-tajjeb mill-ħażin, eħlisna nitolbuk.**

**Ilqa', O Omm Kristu, din l-għajta mimlija tiġrib u tbatija ta' kull bniedem u tal-bnedmin kollha, mimlija tiġrib u tbatija ta' soċjetajiet sħaħ. Għinna biex bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu nirbħu kull dnub .. Ħa tidher mill-ġdid, J'Alla twaqqaf kull deni. J'Alla tbiddel il-kuxjenzi. J'Alla l-Qalb bla tebgħa tiegħek turi lilna lkoll id-dawl tat-tama".**

*Aktar dwar*

# IL-FESTI ĊENTINARJI

Kif diġa' ħabbarna, f'Lulju li ġej ser infakkru għeluq l-1700 sena mit-twelid tal-Qaddis Padrun tagħna, San Ġorġ Martri b'festi speċjali. Għal dan il-għan twaqqaf Kumitat organizzattiv taħt il-ħarsien tal-W.R. Arċipriet, Mons. Emanuel Mercieca, sabiex iħejji programm ta' ċelebrazzjonijiet.

Il-Kumitat jinkludi rappreżentanza ta' diversi għaqdiet fi ħdan il-parroċċa kif ukoll żewġ rappreżentanti tas-Soċ. Fil. La Stella, li sa mill-1882 ġiet assenjata bl-organiżżazjoni tal-festi esterni ta' San Ġorġ.

Il-festi mistennija jiftħu s-Sibt, 7 ta' Lulju u jibqgħu sejrin sal-Ħadd 15 ta' Lulju. Il-programm sħiħ tal-festi għandu jitħabbar iktar 'il quddiem.

Sadattant nhar il-Ħamis 17 ta' Mejju jaħbat l-ewwel mid-Disa' Ħamisijiet ta' San Ġorġ bħala tħejjija għall-festa. Dak in-nhar issir Quddiesa Konċelebrata, immexxija minn Mons. Arċipriet, b'omelija dwar il-qaddis.

Nistednukom bħal dejjem tattendu bi ħġarkhom għal din il-funzjoni, u għall-funzjonijiet l-oħra kollha li se jsiru wara, sabiex b'hekk inkunu lkoll qed nitħejjew kif jixraq għall-Festi Ċentinarji tas-sajf li ġej.

# Pittura tal-belt Victoria f'Wirja f'Londra

Kwadru mdaqqas, maħdum bil-Water Colours bi tpinġija artistika tal-belt Victoria, matul ix-xahar li għadda kien jinsab għall-wiri fir-Royal Institute Exhibition ġewwa Londra. Il-pittura (ara ritratt) turi l-qalba tal-belt Għawdxija, il-parti l-iktar antika, kif tidher minn fuq iċ-Ċittadella, bil-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ tiddomina ċ-ċentru tal-belt.



Din il-pittura nħadmet is-sajf li għadda minn Mr Charles Bone, President tar-"Royal Institute of Painters in Water Colours", waqt mawra li huwa qatta' f'Għawdex.

Madwar 700 tpinġija kienu għall-wiri f'din l-Exhibition li kienet tinkludi xogħlijiet ta' artisti minn diversi nħawi tad-dinja, fosthom il-Canada, l-Amerika, South Africa u l-Awstralja.

Ir-Royal Institute Exhibition hija miżmuma bħala l-ikbar wirja ta' tpinġijiet tal-Water Colours fid-dinja.

# *NILTAQGĦU NHAR . . .*

**MEJJU 1984**

| | |
|---|---|
| Tlieta 1 | San Ġużepp Ħaddiem. Fis-7.00 p.m. Quddiesa bil-priedka. |
| Erbgħa 2 | Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja. Fis-2.00 p.m. |
| Ġimgħa 4 | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Ġurnata Espożizzjoni Sollenni. |
| Sibt 5 | L-Ewwel Sibt tax-xahar. Ġurnata Espożizzjoni Solenni. |
| Ġimgħa 11 | **KWARANTURI. Ġurnata Espożizzjoni Solenni. Fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni.** |
| **Sibt 12** | **KWARANTURI. Ġurnata Espożizzjoni Solenni. Fis-7.00 Konċelebrazzjoni.** |
| **Ħadd 13** | **KWARANTURI. 12.45 p.m. Tibda Espożizzjoni Sollenni. Fil-5.30 p.m. KONĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI u PURĊISSJONI BIS-SS.MU SAGRAMENT.** |
| Ħamis 17 | **L-EWWEL ĦAMIS TA' SAN ĠORĠ. Fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni Sollenni.** |
| Ħamis 24 | **IT-TIENI ĦAMIS TA' SAN ĠORĠ. Fis- 7.00 p.m. Quddiesa bil-Priedka.** |
| Ħamis 31 | **IT-TIELET ĦAMIS TA' SAN ĠORĠ. Fis-7.00 p.m. Quddiesa bil-Priedka.** |

**ĠUNJU 1984**

| | |
|---|---|
| Ġimgħa 1 | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Ġurnata Espożizzjoni Sollenni. |
| Sibt 2 | L-Ewwel Sibt tax-xahar. Ġurnata Espożizzjoni Sollenni. |
| Ħadd 3 | Sollennità tat-TLUGĦ FIS-SEMA TAL-MULEJ (Lapsi) Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Sollenni. |
| Tnejn 4 | Bidu tal-Ġimgħa Liturġika. |
| Ħamis 7 | **IR-RABA' ĦAMIS TA' SAN ĠORĠ.** Griżma ta' l-Isqof lit-Tfal tal-Parroċċa. |
| Ħadd 10 | Sollennità tal-Pentekoste. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Sollenni. |
| Ħamis 14 | **IL-ĦAMES ĦAMIS TA' SAN ĠORĠ** Fis-7.00 p.m. Quddiesa bil-Priedka. |
| Ħadd 17 | Sollennità tat-TRINITÀ MQADDSA Fit-8.00 a.m Konċelebrazzjoni Sollenni. |
| Ħamis 21 | **IS-SITT ĦAMIS TA' SAN ĠORĠ** Fis-7.00 p.m. Quddiesa bil-Priedka. |
| Ħadd 24 | Sollennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu (Corpus). Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Sollenni u Purċissjoni qasira. |
| Ħamis 28 | **IS-SEBA' ĦAMIS TA' SAN ĠORĠ** Fis-7.00 p.m. Quddiesa bil-priedka. |
| Ġimgħa 29 | Sollennità ta' San Pietru u San Pawl (L-Imnarja) |
| Sibt 30 | Sollennità tal-Qalb ta' Ġesù. Fis-2.00 p.m. Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja. |

# SAN ĠORĠ SULDAT QALBIENI U REBBIEĦ TA' KRISTU

*Qegħdin nippubblikaw it-tielet u l-aħħar artiklu fis-sensiela 'Riflessjonijiet dwar il-ħajja tal-Kbir Martri San Ġorġ'. L-artiklu, li jippreżenta lil San Ġorġ bħala s-suldat qalbieni u rebbieħ ta' Kristu, huwa kitba ta' Dun Ġorġ Mercieca S.T.L.*

Fi żmen il-Għid il-Knisja tifraħ bi Kristu rebbieħ fuq il-mewt. Il-martri huma ma' Kristu rebbieħa fuq it-tbatijiet. Huma taw ħajjithom u tqabdu max-xitan biex jiddefendu l-fidi tagħhom. Il-martirju hu l-ikbar xhieda ta' fidi, tama u mħabba.

L-insara ta' l-ewwel sekli tal-Knisja kienu jħarsu lejn il-martirju bħala l-laqgħa tagħhom mal-Għarus u bħala rebħa fuq ix-xitan u l-egħdewwa tal-Knisja. Hekk inħobb inħares lejn San Ġorġ, bħala suldat qalbieni, fuq żiemel abjad jissara kontra d-dragun biex jiddefendi l-Knisja ta' Ġesù Kristu. Hekk ukoll turina lil dan il-qaddis il-leġġenda u t-tradizzjoni.

Mill-**Passiones** li nkitbu fuq San Ġorġ jidher ċar dan **il-fatt**, li San Ġorġ kien suldat li ħa l-martirju probabilment fil-persekuzzjoni ta' Dijoklezjanu (jew Daċjanu, imperatur tal-Persjani).[1] L-istoriku magħruf Henri Daniel-Rops jikteb hekk:

*"With this period too are associated a goodly number of those saints known as 'the fourteen Holy Helpers", and who are celebrated in the Catholic Church for the efficacy of their invocation. Among these are St. George, who is thought to be the Christian who destroyed the edict at Nicomedia and whose intrepidity caused him to be proclaimed the patron Saint of soldiers - and later of England. . ."*[2]

Anki San Pier Damiani fil-priedka tiegħu fuq San Ġorġ li biċċa minnha naqrawha fit-23 ta' April, waqt li jwarrab fil-ġenb il-fantasija popolari, iħares lejn San Ġorġ bħala "gwerrier ta' Kristu" li "għadda minn eżerċitu għal ieħor" u li "nxteħet f'nofs it-taqtigħa"[3]

Fl-arti, lil San Ġorġ narawh ukoll bħala gwerrier jew ġellied ta' Kristu. Jekk niġu għall-ikonografija fuq San Ġorġ, anki biss dik taljana, ma nispiċċaw qatt. Ikollna nsemmu ismijiet kbar u magħrufa bħal Mentegna, Carpaccio, Veronese, Rafaello, Donatello, Paolo Uccello ecc. . . Pittura sabiħa ħafna fin-**National Gallery** ta' Londra hi attribwita lil Paolo Uccello. Din il-pittura fiha dragun enormi bi ġwienaħ kbar ta' farfett, li qiegħed joħodha kontra tfajla trasparenti imma li jiġi milqut mil-lanza ta' l-eroj, żagħżugħ ħelu, b'wiċċ ta' tifel fuq żiemel abjad. Din il-figura tant għażiża għalina bdiet tixtered fl-aħħar taż-Żminijiet tan-Nofs u nsibuha wkoll f'qaddisin oħra:

"San Ġorġ, Martri awtentiku, li madwaru nħolqot dik il-famuża leġġenda li hi attribwita lil tletin qaddis ieħor."[4]

Imma San Ġorġ "gwerrier qalbieni" ħa l-martirju u hekk sar jixbah lil Kristu msallab u rxuxtat. Fil-poeżija tiegħi lil San Ġorġ ridt infisser dan il-ħsieb meta ktibt wara riflessjoni twila:



*"Daqsi ma jħobbok ħadd, San Ġorg! Fik nara*
*il-wiċċ ta' Kristu msallab fit-tbatija;*
*nilmaħ ukoll il-wiċċ glorjuż ta' Kristu*
*li rebaħ dnub u mewt u qam fid-dija".*

Dan l-istess ħsieb insibuh fil-Liturġija ta' jum San Ġorġ. Fil-kolletta tal-quddiesa proprja tiegħu nitolbu hekk:

*"Infaħħruk, Mulej, għall-kobor tas-setgħa tiegħek,*
*u fiċ-ċokon tagħna nitolbuk biex aħna, bnedmin*
*dgħajfa, ikollna dejjem il-għajnuna f'waqtha ta'*
*San Ġorġ, li fil-martirju tiegħu sar jixbah lil*
*Ibnek Ġesù Kristu Sidna li hu Alla . . ."*[5]

F'din it-talba l-Knisja trid turi li San Ġorġ sar jixbah lil Kristu fil-passjoni tiegħu u għadda minn tbatijiet kbar. Imma San Ġorġ qasam ukoll ma' Kristu l-glorja għax min imut għal Kristu, li huwa l-Ħajja, it-Triq u l-Verità (Cf. Ġw. 14, 6), jikseb isem li ma jmut qatt. Ġesù stess qal: *"Tassew, tassew ngħidilkom, intom għad tibku u tingħu, iżda d-dinja għad tifraħ; għad iġġarrbu n-niket, imma n-niket tagħkom għad jitbiddel f'hena" (Ġw, 16,20)*

U iktar 'l isfel qal:

*"Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda agħmlu l-qalb: Jiena rbaħt id-dinja!" (Ġw 16, 33).*

**San Ġorġ huwa il-gwerrier ta' Kristu li rebaħ, u ismu, wara 1700 sena, għadu ħaj fostna u jibqa'.** Infatti San Ġorġ huwa meqjum mill-Knisja kollha bħala wieħed mill-ikbar martri ta' kull żmien u l-Griegi sa mill-ewwel tawh it-titlu ta' KBIR. F'Kostantinopli kien hemm madwar sitt knejjes iddedikati lil San Ġorġ u waħda minnhom x'aktarx bnieha Kostantinu. Fil-ħajja ta' San Teodoru naqraw li dan il-qaddis qeda lil Alla għal żmien twil f'kappella li kienet iġġib l-isem ta' San Ġorġ[6] Mill-pellegrinaġġi li ta' spiss kienu jsiru fuq il-qabar ta' San Ġorġ fil-Palestina, xterdet id-devozzjoni lejn dan il-qaddis fil-Punent ukoll. San Girgor ta' Tours jsemmi li San Ġorġ kellu devozzjoni kbira lejn fi Franza fis-sitt seklu. San Girgor il-Kbir ordna biex tiġi irrestawrata Knisja antika ta' San Ġorġ li kienet qiegħda taqa' biċċa biċċa. L-uffiċċju

*ikompli f'paġna 5*

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

EDITORJAL

# ŻEWĠ RIGALI

Fl-aħħar jiem ta' dan ix-xahar il-Parroċċa tagħna sejra tgħix mument mill-iżjed sabiħ u kommoventi. Alla li jista' kollox, għoġbu għal darba' oħra jsejjaħ tnejn minn ulied il-parroċċa tagħna sabiex jiġu midluka bħala saċerdoti tiegħu. Dun Alfred Xuereb u Dun Joe Zammit sejrin jiżdiedu man-numru kbir ta' saċerdoti li l-Parroċċa ta' San Ġorġ tat għas-servizz u l-qadi tal-Poplu t'Alla.

## NAGHTUHOM MERHBA

L-ewwel ħaġa nixtiequ li[illegible] f'isem il-komunità Parrokkjali tagħna, nagħtuhom MERĦBA. Nilqugħhom b'idejna it-tnejn, għaliex filwaqt li huwa veru li l-Parroċċa tagħna hija mżejna b'numru kbir ta' saċerdoti, mill-banda l-oħra, kif qal il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-ittra li bagħat lil kull qassis fl-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka ". . . **id-dinja għad għandha bżonnu lis-saċerdot".**

## NIKKOPERAW MAGHHOM

Jeħtieġ li l-merħba tagħna ma tkunx biss kliem li jgħaddi u jintemm, qisu qatt ma kien xejn. U biex dan ma jsirx jeħtieġ li lkoll kemm aħna naħdmu id f'id magħhom u mas-saċerdoti l-oħra kollha, li flimkien ma' l-Arċipriet joffru s-servizz tagħhom għalina lkoll.

Tikkopera jfisser tgħin, tagħti is-sehem tiegħek, tħobb u twettaq dawk l-affarijiet kollha li fil-fehma tagħhom jgħinuk biex timxi 'il quddiem.

## NIRRESPETTAWHOM

Barra l-merħba u l-koperazzjoni, jeħtieġ ukoll ir-RISPETT. Is-Saċerdot Kattoliku illum il-ġurnata sar it-"target" ta' mħuħ u qlub maħmuġa u morda, li fih jippretendu li jagħmlu ħsara lill-Knisja li minnha jagħmel parti.

Il-ġid li l-Knisja wettqet permezz tas-saċerdoti tagħha qiegħed jiġi mwarrab fil-ġenb bl-iskop li jintesa' qisu qatt ma kien, u fil-waqt li l-istorja kollha tad-dinja u ta' pajjiżna tiftaħar bis-sehem li l-Knisja kellha fl-iżvilupp u l-progress li għaddiet minnu l-istess dinja, qegħdin jitfaċċaw bnedmin li b'wiċċhom minn quddiem jitfgħu tajn fuq il-Knisja u s-saċerdoti tagħha billi jgħidu li din il-Knisja qatt ma habbet lill-fqir u dejjem fettxet li tħares biss l-interessi materjali tagħha..

Dan huwa żball kbir. U irridu noqgħodu attenti li ma nhallux minn ibellgħalna tagħlim qarrieqi ta' din ix-xorta. It-tweġiba li aħna nagħtu lil minn jiżra' dan il-gideb hija waħda: **Iftaħ għajnejk sewwa, ħares madwarek, u ibqa' ċert li s-sehem li l-Knisja Maltija dejjem tat għall-ġid ta' ġensna, ikellmek minn kull ġebla u ġrajja li jinsġu l-istorja ta' pajjiżna.**

Din hi l-merħba li rridu nagħtu liż-żewġ saċerdoti ġodda tagħna. Tislima li biha permezz ta' din ir-rivista rridu nwassluha wkoll lill-ħames shabhom l-oħra Għawdxin li magħhom ser jiġu ordnati saċerdoti u lil kull saċerdot ieħor, hu fejn hu, li qed jaħdem fil-għalqa tal-Mulej.

# ĦADDIEMA ĠODDA FL-GĦALQA TAL-MULEJ



*JOSEPH ZAMMIT*



*ALFRED XUEREB*

Lejn tmiem dan ix-xahar il-Parroċċa tagħna se jkollha okkażjoni tabilħaqq għax tifraħ meta tnejn minn uliedha ser tmisshom ix-xorti sabiħa li jiġu ordnati Saċerdoti. Iż-żewġ żgħażagħ huma Alfred Xuereb u Joseph Zammit. Minn dawn il-kolonni nixtiequ lil dawn iż-żewġ żgħażagħ f'isem il-komunità kollha ta' San Ġorġ, nifirħulhom u nawgurawlhom ħidma fejjieda fl-għalqa tal-Mulej.

Alfred Xuereb twieled fl-14 t'Ottubru 1958 u Joseph Zammit fit-2 t'April 1959, it-tnejn fil-belt Victoria. Huma ħadu l-edukazzjoni primarja u sekondarja fl-iskejjel tal-Gvern, Victoria. Fl-età ta' 16 il-sena daħlu fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù biex jibdew il-kors għas-saċerdozju. F'nofs il-kors, fis-sena msejħa 'intermedjarja', Alfred u Joseph siefru lejn il-Ġermanja fejn għamlu esperjenza ta' xogħol f'wieħed mill-isptarijiet tal-belt ta' Münster.

Wara din is-sena barra minn Malta, li għenithom biex jagħarfu aħjar is-sejħa tagħhom, reġgħu lura fis-Seminarju biex ikomplu l-aħħar tlett snin ta' teoloġija. Matul dan iż-żmien huma rċivew diversi Ministeri mill-Isqof Nikol Cauchi: Il-Ministeru tal-lettorat (23 ta' Diċembru 1981), il-Ministeru tal-Akkolitat (28 ta' Novembru 1982), waqt li nħatru Ministri Straordinarji ta' l-Ewkaristija għall-Bażilika ta' San Ġorġ fuq talba ta' l-Arċipriet Emanuel Mercieca.

Ġew ordnati djakni, flimkien ma' erba' seminaristi oħra, fil-25 ta' Ġunju 1983.

**Alfred se jkun ordnat Saċerdot nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 1984 fil-Knisja Katidrali minn Mons. Isqof Djoċesan**

**Joseph se jieħu l-ordinazzjoni saċerdotali Ruma nhar il-Ħamis 31 ta' Mejju 1984 mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II.**

Flimkien ma' Alfred u Joe, ħames żgħażagħ oħra ser jirċievu l-ordni saċerdotali dan ix-xahar. Dawn huma Carmel Curmi (Munxar), Mario Grech (Kercem), Anthony Mifsud (Qala) u John Muscat (Sannat). Ma' dawn irridu nżidu wkoll lil Alan Scerri li se jissieħeb mall-Patrijiet Agostinjani. Mill-Parroċċa tagħna wkoll għandna lil Reħato Sammut li din is-sena se jiġi ordnat Djaknu.

**Lilhom ilkoll NIFIRĦULHOM u nixtiqulhom AD MULTOS ANNOS.**

# *FAVUR JEW KONTRA Ż-ŻGĦAŻAGĦ?*

*Il-Fehma ta'* ***Aldo Fenech***

Jekk wieħed jistaqsi lin-nies x'jaħsbu fuq iż-għażagħ, żgur li ħafna jwieġbu li ż-żgħażagħ illum huma dik il-parti tas-soċjetà l-aktar ħażina u bla direzzjoni, u allura l-kawża ta' ħafna mill-gwaj li d-dinja tinsab fih. Akkużi komuni oħra huma d-droga, l-vjolenza, r-rebelljoni u n-nuqqas ta' mħabba fl-element żagħżugħ ta' żmenijietna.

Tassew li dawn ir-rejaltajiet ma nistgħux naħarbuhom, iżda l-verità ħi li dawk li jikkundannaw liż-żgħażagħ ikunu qegħdin jaraw parti biss mis-sewwa kollu, li għaldaqstant il-konklużjonijiet tagħhom ikunu mhux biss dgħajfin, iżda wkoll żgwidati. Forsi ż-żgħażagħ biss huma vjolenti, jew iddrogati? Donnu kull ħaġa ħażina li tiġri jew li titwettaq irid ikun hemm xi żagħżugħ imdeffes fiha. Inkella le, mhix ħażina;u jibdew isibu ħafna skużi ħalli jiġġustifikaw dak li ġara. Iż-żgħażagħ tal-lum donnhom saru l-paraventu tal-ħażen kollu li jeżisti. Din mhijiex il-verità. Fil-fatt għalkemm illum hawn xi żgħażagħ li forsi l-imġieba tagħhom mhijiex kif għandha tkun, il-parti l-kbira ta' das-settur tas-soċjetà hi waħda mibnija fuq id-dedikazzjoni, l-entużjażmu u l-bżulija; mimlija b'sens ta' mħabba u altruiżmu. Dan li qegħdin ngħidu kkonfermah il-Papa nnifsu meta qal "Intom it-tama tal-knisja; intom it-tama tiegħi". Dawn il-kelmiet ifissru li ż-żgħażagħ huma t-tama ta' Kristu. Kif qatt tista' ma tammettix li qalb ta' żagħżugħ hija qalb unika? Fiha hemm forsi l-akbar teżor li jista' jkollu l-bniedem - ġenerożità u mħabba - li kultant ikun diffiċli li ssib f'kategoriji ta' bnedmin oħra. Il-qalb taż-żagħżugħ hija qalb miftuħa għall-oħrajn, dejjem lesta sabiex tgħin lil dawk fil-bżonn. Fuq kollox hija qalb miftuħa wkoll għall-għerf ta' Alla, dak Alla li kull qalb tistrieħ fiH.

Fiż-żgħażugħ hemm potenzal tassew kbir u għani. Dan jixhduh nies bħall-Papa preżenti, Madre Teresa u oħrajn bħalhom. Forsi wieħed jistaqsi: dawn mhumiex nies xjuħ, x'għandhom x'jaqsmu maż-żgħażagħ? Għandhom u għandhom ħafna; għax l-enerġija, ż-żelu u l-imħabba għall-apostolat ta' dawn il-persuni qaddisa huma kollha stimulati minn qalb żagħżugħa mimlija bi spirtu ta' għotja u sagrifiċċju li ma jintemmx. Fuq spallejn il-ġenituri u dawk li fl-età m'għadhomx żgħażagħ taqa' responsabbiltà kbira. Huma dawn in-nies li jridu jgħinu, jiggwidaw u jiffurmaw il-karattru taż-żgħażagħ, sabiex dan ikun jista' tassew jagħraf lilu nnifsu u jiskopri verament il-pjan li għalih ġie maħluq. Irridu nkunu d-dawl taż-żgħażagħ permezz ta' ħajjitna, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-valuri nsara u t-tagħlim ta' Ġesù kif imwassal u spjegat lilna mill-Knisja l-Omm ħanina ta' kulħadd. Mhux tassew li ż-żgħażagħ illum huma ħżiena. Il-verità hi li ħafna huma żgwidati u sfruttati għal skopijiet ta' flus u setgħa li jwassluhom f'xifer l-irdum tal-qtigħ il-qalb u d-disperazzjoni.




**Jekk aħna tassew insara, inqumu għad-dmirijiet tagħna, u flimkien maċ-ċellula żgħażugħa tas-soċjetà tagħna, nibnu pajjiż tassew kattoliku. Ejjew inkunu l-għira tad-dinja u nuru bil-fatti xi tfisser tħobb lil Ġesù Alla. Fuq kollox nagħmlu dak kollu possibli sabiex liż-żgħażagħ tagħna nsaħħuhom fis-sewwa ħalli jkunu nsara ta' ġieħ, b'qalb li tibqa' ma' titbiddilx bħal Alla tagħna l-Ħallieq u s-Sid ta' kollox.**

*jaqbad minn paġna 3*

***SAN ĠORĠ SULDAT QALBIENI U REBBIEĦ TA' KRISTU***

ta' San Ġorġ insibuh fis-Sagramentarju ta' dan il-Papa. San Ġorġ huwa wkoll padrun ta' Ġenova u l-eqdem skrizzjoni poetika taljana nsibuha fil-Katidral ta' Ferrara[7]. Il-Kunsill Nazzjonali li sar f'Oxford fl-1222, ordna li l-festa ta' San Ġorġ tkun vaganza għall-Ingilterra kollha[8]. Dawn huma ftit eżempji ta' kif xterdet id-devozzjoni lejn San Ġorġ fostna. Semmejt biss l-Italja, Franza u l-Ingilterra minħabba nuqqas ta' spazju, imma San Ġorġ għandu kult li nsibuh ma' l-erbat irjieħ tad-dinja[9].

**Hekk irrid naraħ lil San Ġorġ: Gwerrier ta' Kristu, fuq żiemel abjad, jiġġieled għall-Knisja, simbolu ħaj tal-Knisja militanti u pellegrina fuq l-art.**


**RIFERENZI**

[1] D. BALBONI, **San Giorgio Martire**, Roma, 1966, 7-8. Dan il-ktejjeb huwa estratt mill-enċiklopedia tal-Qaddisin, **Bibliotheca Sanctorum,** vol. VI, Roma 1965, coll. 515-525.

[2] **The Church of Apostles and Maryrs, vol. 2, Image Books, New York 1962, 143.**

[3] Cf. Sermo 3, **De Sancto Georgio,** PL 144, 567-571.

[4] A OLIVARES, **Il Nuovo Calendario Liturgico,** Elle Di Ci, Torino-Leumann 1973, 83.

[5] **Sagramentarju Malti,** Kummissjoni Liturġica Nazzjonali, Malta 1974, 461.

[6] L. VELLA, **Il-Haja ta' San Ġorġ Martri** 1890, 2 ediz. 182

[7] C. Bertoni, **La fondazione della Cattedrale di Ferrara e l'Iscrizione del 1138** in **La Cattedrale di Ferrara,** Verona 1937, 129-137.

[8] Cf. A. BUTLER, **The Lives of the Fathers, Marthrys and other Principal Saints,** vol. 1, Virtue & Company Limited, 1959, 412.

[9] cfs D. BALBONI, op.cit., 10-26

# X'NIFHEM B'PARTEĊIPAZJONI?



*Jiktbilna Peter Paul Buttigieg B.A.*

Parteċipazjoni hija meta wieħed jieħu sehem f'xi attività, jew aħjar jagħmel dak kollu li jista', billi jaqsam flimkien ma' oħrajn, sabiex issir xi attività. Aħna nsejħu bħala parteċipanti lil:

(1) dawk li jieħdu sehem f'xi festival, kompetizzjoni, jew logħob,

(2) kif ukoll lil dawk li jieħdu sehem f'xi rit liturġiku, att ta' karità, jew azzjoni soċjali.

L-ewwel tip ta' parteċipazzjoni li semmejna tingħażel minn dik l-oħra għal diversi raġunijiet. Però hija din tal-aħħar li forsi tolqot lil kull wieħed u waħda minna fil-ħajja tagħna ta' kuljum u li hija tant neċessarja fostna sabiex nghixu ħajja aktar feliċi.

X'inhi din id-differenza?

Mhux kull bniedem fid-dinja għandu l-istess kapaċitajiet jew talenti-min tajjeb għal ħaġa u min għal oħra, min kapaċi għat-tpinġija, min għal kant, min għal sport u min għal ieħor - iżda ħadd m'għandu l-istess abilità f'kollox. Dawn is-snajja u professjonijiet ilkoll flimkien jagħmlu l-ħajja kif nafuha billi wieħed ipatti għall-ieħor.

a. Għalhekk kull meta ssir xi kompetizzjoni, mhux kulħadd jista' jipparteċipa, iżda dawk biss li għandhom it-talenti meħtieġa: kantanti għal kant, pitturi għat-tpinġija u atleti għall-ġiri.

b. Barra dan, dawn l-istess parteċipanti jikkompetu bejniethom għal xi premjijiet jew unuri.

Din nistgħu nsejħulha bħala "parteċipazzjoni esklussiva" - għaliex jista' jieħu sehem dan jew dak, u mhux l-ieħor. Fil-waqt bħala "parteċipazzjoni inklussiva" lill-oħra, għaliex jista' jagħti s-sehem tiegħu kull min hu ta' rieda tajba u min tabilħaqq jifhem il-bżonn li jaqsam ma' ħaddieħor kull piż fil-ħajja sabiex jinbena ambjent aħjar għall-ħajja aħjar.

Il-mejjet president J.F. Kennedy sabiex ifiehem id-dmir ta' kull ċittadin lejn pajjiżu qal, "Qatt tistaqsi x'jista' jagħmel pajjiżek għalik, iżda inti x'tista' tagħmel għal pajjiżek". Forsi hawn tinstab ukoll ir-raġuni għaliex naraw tant apatija soċjali u reliġjuża madwarna, bosta kritika u kliem flok azzjoni, u ħafna proposti u proġetti mhux imwettqa! Kulħadd jistenna minn ħaddieħor u ma jibdiex minnu nnifsu.

"Jien x'qed nagħmel?" jew aħjar, "X'nista' nagħmel?"

Il-qawl Malti jgħid: "Eħfef tgħid milli tagħmel", u kemm għandu raġun! Kemm nisimgħu kliem u għidut ta' x'għandu jsir u ma jsirx, kemm kritika distruttiva, kemm qlajja u spekulazzjonijiet fuq dak u l-oħra u kieku xi ħadd jipprova jċaqlaq biss difru sabiex jagħmel xi ħaġa għall-ġid!

Min? Jien? Ma nafx! Mela jien kapaċi? Dak mhux xogħoli! Hemm min jagħmlu! - huma r-risposti li jagħtuk dawk l-istess talin li jħallu lsienhom jiġri bihom u ma jafux fejn ser iwassalhom!

Mill-banda l-oħra ssib dawk li jagħmlu l-ikbar żball li jwassal għal apatija kbira meta ma jagħmlu xejn għax jgħidu li ma jistgħux jagħmlu ħafna, għax m'humiex professjonisti. U hekk lanqas jippruvaw . . . Agħmel li tista', u kif tista', għaliex il-ftit tiegħek mal-ftit ta' ħaddieħor isir il-Ħafna. Toqgħodx tgħid kemm hawn dlam, iżda ixgħel is-sulfarin tiegħek sabiex itaffi xi ftit minnu. Meta d-dawl tiegħek jingħaqad ma' tal-oħrajn, id-dlam jgħib għal-kollox u hekk inkunu nistgħu naraw sew madwarna mingħajr ebda biża' jew twegħir ta' dlam, meta ma nafux x'hemm madwarna li jista' jkun ta' deni għalina.

Dan huwa l-ispirtu li għandu jqanqal fina sens ta' parteċipazzjoni fil-ħajja tagħna ta' kuljum - agħmel u agħti dak kollu li tista', bil-mezzi li għandek u la toqgħodx tistenna li l-affarijiet ser isiru għalik u inti tgawdi biss. Kristu qalilna: "Agħtu u tiġu mogħtija". Għaliex meta aħna nagħtu dak il-ftit li għandna, dan jingħaqqad ma' tal-oħrajn u hekk kulħadd igawdi mill-ħafna li jkun hemm. Kemm ikollna okkażjonijiet kuljum fejn aħna nistgħu nipparteċipaw iżda ma' nagħtux kas, jew għax ma rridux, jew għax nistħu jew għax m'għandniex aptit. Ħafna minna jistgħu jipparteċipaw fil-quddiesa billi jaqraw l-epistola, itellgħu l-offerti jew ikantaw. Kulħadd jista' jagħti daqqa t'id fil-preparazzjonijiet għall-festi u attivitajiet oħra simili billi nagħtu l-għajnuna tagħna f'li jinħtieġ u mhux inħarsu biss. Kif ukoll, ngħinu lil min hu fil-bżonn u naqsmu ma' għajrna il-ferħ u n-niket.

Kull parteċipazzjoni hija neċessarja fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Għalhekk nagħtu dak kollu li nistgħu, min ftit u min ħafna, kulħadd skond qiesu.

"Tini jdejk, jekk trid li naslu<br>la tibżax tagħtini jdejk . . ."


**HSIBT FEJN SE TMUR GITA DAN IS-SAJF ?**

***Agħmel l-għażla tiegħek issa !***

***LONDRA. . . VENEZIA. . . jew LOURDES. .***

L-ASTRA TOURS joffrulek **tlett** Tours Meraviljużi!

1. Italja - Franza (Lourdes) - Spanja. (19 ta' Lulju - 3 t'Awissu)
2. Ingilterra - Skozja. (18 - 29 t' Awissu)
3. Italja. (4 - 11 t' Awissu)

*Bookings:*

***JOHN PORTELLI ENTERPRISES LTD. - Tel: 556236***<br>***PAUL M. CASSAR. - Tel: 551004***


## JINĦTIEĠU MILL-IKTAR FIS:

*Qlub Ġenerużi li huma lesti biex:*

- ***iberrdu flok isaħħnu;***
- ***igħinu fil-bżonn;***
- ***ma jgħidux kliem iebes;***
- ***ixerrdu l-kelma t'Alla bl-imħabba u l-eżempju.***

Kulħadd huwa mħeġġeġ li japplika personalment għand Ġesù, li lest li jxerred fuqu l-għajnuna spiritwali meħtieġa fil-qadi ta' dan is-servizz.

Avviż bla ħlas

## Programmi Mużikali fil-Ġimgħa Mqaddsa

*Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Bażilika tagħna ġew imtella' żewġ programmi mużikali.*
*L-ewwel programm inżamm nhar it-Tnejn 16 t'April, u kellu bħala tema "Il-Passjoni ta' Kristu fil-Mużika u l-Poeżija". F'dan il-programm imtella minn Joe M. Attard ħadet sehem il-Banda Ċittadina La Stella li daqqet sett ġdid ta' marċi funebri taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tagħha, Joseph Vella (ritratt). Mall-banda ħa sehem il-Kor tas-Soċjetà.*



*Fil-parti letterarja ta' dan il-programm ġew mistiedna jieħdu sehem x'uħud mill-kittieba u poeti Għawdxin li ippreżentaw ix-xogħlijiet tagħhom li jittrattaw dwar il-passjoni u l-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu.*
*Attività speċjali oħra għal matul il-Ġimgħa Mqaddsa kien il-Kunċert Orkestrali li sar nhar it-Tlieta 17 t'April mill-Watford School of Music Chamber Orchestra. F'dan it-tieni programm indaqqu xogħlijiet ta' Handel, Stamitz, Vivaldi, Elgar u tal-kompożitur Malti Charles Camilleri. Il-Kunċert sar b'risq id-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi.*

**Feature dwar San Ġorġ**

Sadattant nhar il-Ġimgħa 27 t'April fil-Knisja tagħna ġie ppreżentat ukoll il-Feature "San Ġorġ Megalomartri", kitba ta' Joe M. Attard bis-sehem tal-Chorus Urbanus taħt it-tmexxija ta' Mro. John Galea.

## Għalikom Tfal

Joe kien ilu jaħsibha . . . issa kien deċiż. Kien jagħmel bosta qadjiet lil ommu u qatt ma kien jitħallas. Bi prezz irħis għal kull qadja seta' jikseb somma sabiħa.
"Ma, mill-lum il-quddiem, ta' kull qadja li nagħmillek trid tweżinni xi ħaġa. Jien inżomm record ta' kollox u fl-aħħar tax-xahar nagħtik il-kont"
Ommum aċċettat u fl-aħħar tax-xahar Joe ppreżentalha l-kont.

| | |
|---|---|
| *5 qadjiet għand tal-grocer* | *25c* |
| *3 qadjiet għand tal-laħam* | *15c* |
| *9 qadjiet għand tal-forn* | *45c* |
| *3 qadjiet għand tal-fjuri* | *15c* |
| | **Lm1.00** |

L-omm weghditu li l-ghada tħallsu. U żammet kelmitha għax l-għada tagħtu envelop li barra l-lira kellu wkoll karta żgħira:

| | |
|---|---|
| *Talli ili 9 snin nieħu ħsiebek* | *xejn* |
| *Talli ili 9 snin inħejjilek x'tiekol* | *xejn* |
| *Talli għal 9 snin libbistek* | *xejn* |
| *Talli għal 9 snin ma ħallejtek nieqes minn xejn* | *xejn* |

**Għax li nagħmel għalik ma nagħmlux għal-flus imma għax inħobbok!**

Joe ħadha t-tagħlima! Ta l-lira lura lill-ommu u b'għajnejh mimlija dmugħ qalilha: "Mummy skużani . . . żbaljajt"
Ħassejt li għandi nirrakkonta din l-istorja għax matul dawn ix-xahrejn li ninsabu fihom, nagħmlu l-festi ta' JUM L-OMM u JUM IL-MISSIER. Jixraq għalhekk li f'dawn il-jiem naħsbu iktar f'kemm batew u stinkaw għalina l-ġenituri tagħna, ħalli NIRRISPETTAWHOM . . . INHOBBUHOM . . . u NOBDUHOM dejjem iktar.
U tkun ideja tajba li fil-jiem iddedikati lilhom nixtrulhom xi rigal ċkejken, b'turija tal-gratitudni tagħna lejhom.

**Tatà**
**Iz-Ziju Peppi**

*N.B. Jum l-Omm se jiġi mfakkar nhar il-Ħadd 20 ta' Mejju, u Jum il-Missier il-Ħadd 17 ta' Ġunju.*

## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

| | |
|---|---|
| 19.2.84 | RAYMOND, iben Mario Grima u Rose neè Attard |
| 19.2.84 | KAREN u JAMES, ulied tewmin ta' Joe Lupi u Beatrice neè Camilleri. |
| 25.2.84 | MOIRA, bint Carmelo Cassar u Ġuża neè Mercieca. |
| 10.3.84 | CHRISTOPHER, iben Michael Said u Maria Victoria neè Fiteni. |
| 10.3.84 | RITIENNE, bint Raymond Gafà u Maria neè Azzopardi. |
| 17.3.84 | DEBORAH, bint Victor Portelli u Maria neè Spiteri. |
| 18.3.84 | FELIX JOHN, Iben George Attard u Margaret nee Bajada. |
| 1.4.84 | DORIANNE, bint Salvu Ellis u Josephine neè Camilleri. |
| 7.4.84 | CHARLIE, iben Angelo Vella u Maria neè Vassallo |
| 28.4.84 | JOSEPH iben John u Carmen neè Magro |
| 28.4.84 | GEORGE iben George u Rina neè Camilleri |

## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

| | |
|---|---|
| 18.3.84 | Lina Grech u Michael Mizzi |
| 28.4.84 | Carmen Micallef u Tony Casha |
| 28.4.84 | Frances Spiteri u Mario Buhagiar |

## DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ

| | |
|---|---|
| 7.3.84 | Concetta Buhagiar |
| 8.3.84 | Toni Sacco |
| 8.3.84 | M'Anna Attard |
| 9.3.84 | Anna Farrugia |
| 14.3.84 | Mikiel Portelli |
| 26.3.84 | Annunziata Portelli |
| 29.3.84 | Lawrence Attard |
| 9.4.84 | Joseph Xerri |
| 23.4.84 | Emma Mercieca |

# "Prinċipessa" fit-Teatru

Dwal, kuluri, fjuri, kant, briju, valzi, xampanja, mużika u applawsi taw merħba kif jixraq lil "La Principessa Della Czardas" ġewwa t -Teatru Astra. L-atmosfera kienet waħda mill-isbaħ hekk kif il-Principessa taż-Żingari ħadet postha fuq il-palk spazzjuz tat-Teatru u għal iktar minn tlett siegħat ħalliet l-udjenza msaħħra bi ġmielha!

Għal darb'oħra t-Teatru Astra reġa' ħareġ bl-unuri kollha fil-preżentazzjoni ta' operetta hekk granduża li, bla dubju, kienet teħtieġ sforzi kbar minn dawk kollha li ħadu sehem. Minn waqtiet għal oħra matul l-operetta assistejna għal kwadri li ħaduna lura bl-immaġinazzjoni fiż-żmenijiet romantiċi ta' Vjenna Imperjali. Il-kant kien fih għaxqa x'tisma'... ix-xenografija mill-isbaħ... l-effetti tad-dwal komplew 'xegħlu' l-palk, il-vestwarju tassew rikk u eleganti, l-koreografija stupenda kienet tistiednek taqla' jdejk u ċċapċap ... waqt li n-noti ħelwin tal-mużika komplew għal kollox jallegrawna.

Prosit tassew lill-atturi kollha li ħadu sehem, lill-'principals' Mary Galea, Joe Huber, Maria Frendo, Adelina Attard, Charles Zammit, Cettina u Franco Scicluna, Anton Said u Guljan Refalo Rapa. Prosit fuq kollox lil Mro John Galea, li kellu f'idejh id-direzzjoni mużikali, u fl-aħħar u żgur mhux l-inqas lill-Producer ĠORĠ XERRI, li reġa' għaraf jagħtina produzzjoni eċċellenti li tagħmel ġieħ lilu u lit-teatru li lilu jirrappreżenta.

*L-Operetta saret l-ewwel darba nhar is-Sibt 7 t'April.*

*Rappreżentazzjoni oħra saret is-Sibt, 14 t'April li għaliha attendiet il-President tar-Repubblika, is-Sinjorina Agatha Barbara.*



*Il"Ballu tal-Korali" bil-Prima Ballerina Tanya Camilleri - xena mit-Tieni Att.*



*Il-'cast' kollu jilqa' l-applawsi tal-pubbliku fi tmiem ir-rappreżentazzjoni.*



## Rokna tal-LADIES SOCIETY:

### *Għotja ta' Flus b'Risq il-Karità*

Il-Ladies Society tal-Parroċċa tagħna ppreżentat somma ta' Lm78 lill-Istitut ta' San Ġużepp t'Għajnsielem. L-għotja saret nhar l-Erbgħa 28 ta' Marzu waqt żjara li l-membri nisa tal-għaqda għamlu f'dan l-istitut, u li matulha ġiet ċelebrata quddiesa minn Fr Joseph Farrugia, Chaplain tal-Ladies Society, flimkien ma' Fr. Louis Bezzina. Kien f'din il-quddiesa li ngħabret s-somma ta' Lm78 b'risq l-istitut, li minnhom Lm20 ingħataw mill-istess fondi tal-għaqda.

Sadattant matul dawn l-aħħar xahrejn il-Ladies Society issoktat bl-attivitajiet regulari tagħha. Il-Kumitat ħabrieki tal-għaqda organiżża żewġ Coffee Mornings, wieħed fil-Kenur Restaurant (Xlendi) u l-ieħor fl-Odyssey Restaurant (M'Forn), u li għalihom kien hemm konkorrenza numeruża.

Għall-ewwel darba l-Għaqda ħadet ħsieb tagħmel Ikla Speċjali fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika ta' San Ġorġ. Din saret nhar il-Ħadd, 29 t'April fil-Calypso Hotel, Marsalforn, u għaliha attenda bħala l-mistieden tal-unur, il-Kummissarju Għoli Ngliz għal Malta, Mr Charles L. Booth. li taħt il-ħarsien distint tiegħu nżammet din l-Ikla.

Forsi l-attività l-aktar apprezzata mill-membri tal-parroċċa kienet il-Konferenza li ta Lawrence Mizzi dwar "Il-Mass Media u l-Familja". Għal din il-Konferenza, li saret fit-8 ta' Marzu, l-Oratorju tal-Bażilika kien maħnuq bin-nies li seqwew b'attenzjoni kbira it-taħdita ferm interessanti li għamel is-Sur Mizzi.

Għal dawn ix-xahrejn li ġejjin il-Ladies Society ser tkompli bil-ħidma siewja tagħha qabel ma' jidħol is-sajf, u fost kollox qed taħseb biex tikkommemora kif jixraq Jum l-Omm.

A & M Printing Ltd. Qala - Gozo. Tel:553217